MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2004

Numru 406/1999

**Il-Pulizija**
**Spettur Frans Micallef**
**V**

**OMISSIS**
**JOHAN SULTANA**

**Il-Qorti;**
Rat li l-imputat **FABIO PSAILA** ta’ erbgha w ghoxrin sena bin Alfred u Mary nee’ Farrugia, imwieled Pieta’ fid-dsatax ta’ Gunju 1976, u li joqghod 140, Triq l-Annunsazzjoni, Sanbta Venera, detentur tal-karta ta’ l-identita numru 318874M u **JOHAN SULTANA** ta' tmintax il-sena bin Martin u Marthese nee Cassar imwieled Pieta nhar l-erbgha ta' Jannar, 1983 li joqghod Block E, Flat 7, Housing Estate, Hamrun, detentur tal-karta tal-identita numru 47882M gew imressqa quddiemha akkuzat talli

1. fil-lejl ta' bejn t-tlieta w l-erbgha ta' Ottubru 1998, f'Pembroke, kkommettew serq ta' oggetti minn go vettura ipparkjata, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, valur, ta' aktar minn mitt lira maltin izda inqas minn elf lira maltin u bix-xorta tal-haga misruqa;

2. talli wkoll fl-istess data, hin u cirkostnazi xjentament laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentament b'kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom;

3. talli wkoll fl-istess data u cirkostanzi, ghenu jew assistew lil awtur jew lil awturi tad-dellit fl-atti li bihom d-delitt gie ppreparat jew ikkunsmat;

4. talli **FABIO PSAILA WAHDU** kiser il-kundizzjonijiet tal-artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati fl-ghoxrin ta' Lulju 1998.

Il-Qorti rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens ta' l-Avukat Generali datat dsatax ta' Mejju 1999 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Il-Qorti semghet lil imputati jiddikjaraw li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja u dan meta sar l-esami nhar t-tletin ta' Gunju 1999 ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Rat il-verbal tal-Qorti tat-tnejn ta' Dicembru 2002 fejn il-Prosekuzzjoni ddikjarat li l-imputat Fabio Psaila kien mizmum l-Italja in konnessjoni ma investigazzjoni ta' traffikar ta' immigranti illejgali u ghalhekk talab is-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront tal-imputat odjern.

Rat d-digriet taghha tat-tnejn ta' Dicembru 2002 fejn laqghet it-talba ghas-separazzjoni tal-gudizzju u ordnat il-prosegwiment tal-kawza fil-konfront tal-imputat odjern u li

l-kawza giet differita sine die fil-konfront tal-imputat Fabio Psaila.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-hamsa ta' Mejju 2004 ghall-ewwel [1] w t-tielet [3] akkuza kif assorbita fl-ewwel akkuza u ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati ta' dawn iz-zewg akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet lil Prosekuzzjoni tiddikjara li t-tieni akkuza moghtija minnha fil-konfront tal-imputat Johan Sultana giet moghtija minnha bhala akkuza alternattiva ghal akkuza ta' serq u stante l-ammissjoni voluntarja tal-imputat Johan Sultana ghall-akkuza ta' serq, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din t-tieni akkuza ta' ricettazzjoni.

Rat li r-raba akkuza nghatat biss fil-konfront tal-imputat l-iehor Fabio Psaila li originarjament kien akkuzat flimkien mal-imputat Johan Sultana u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha.

Illi d-Difiza bbazat t-trattazzjoni taghha fuq il-kwistjoni ta' piena u fil-fehma taghha il-Qorti ghandha tkun klementi fl-ghoti ta' piena mal-imputat minhabba tlett ragunijiet u cioe:

1. L-eta tenera tal-imputat fil-mument ta' meta huwa kkommetta r-reat in kwistjoni ghaliex huwa kellu biss sittax il-sena u ghalhekk il-Qorti ghandha tapplika l-provvediment tal-artikolu 37 tal-Kap 9;
2. L-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat seduta stante;
3. Il-koperazzjoni tal-imputat tul dawn il-proceduri sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni kif jirrizulta

minn ezami taal-istqarrija minnu rilaxxjata li tinsab esibita bhala dokument FM 1 a fol 19 tal-istess atti.

Illi huwa minnu li l-imput kien ghadu minuri ta' sittax il-sena meta huwa kkommetta r-reati ammessi minnu, ghalhekk kien diga kellu esperjenza mal-Qorti kif jirrizulta minn ezami tal-fedina penali tieghu.

Illi l-artikolu 37 tal-Kap 9 jiddisponi li:

*"Jekk il-hati jkun ghalaq l-erbatax il-sena, izda ma jkollux t-tmintax il-sena, il-piena applikabbli ghar-reat ghandha titnaqqas bi grad jew tnejn."*

Illi skond s-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sittax ta' Jannar 1998*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Pierre Buttigieg et**, dik il-Qorti sostniet li l-Qorti ma hiex obbligata li taghmel referenza fis-sentenza ghal dan l-artikolu ghaliex dan l-artikolu ma johloqx r-reat jew reati izda biss jirregola l-piena izda hija obbligata li tiehdu in konsiderazzjoni fir-rigward ta' minuri.

Ghalhekk ma hemmx dubbju li din il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni dan l-artikolu meta tigi biex tapplika l-piena idoneja.

Dwar l-ammissjoni tal-imputat bhala fattur mitiganti, il-Qorti ghandha s-segwenti kummenti x'taghmel.

Kif hemm enuncjat fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Frar 1997*** fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v Nicholas Azzopardi** u **Ir-Repubblika ta' Malta v Faustina Barbara** deciza wkoll mill-istess ***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-erbatax ta' Mejju 1998***, ma hemmx dubbju li bhala regola generali, meta akkuzat jammetti l-akkuza, hu ghandu jibbenefika minnxi riduzzjoni fil-piena. Dik il-Qorti pero kkwalifikat il-fehma taghha bil-kliem "bhala regola" ghax jista jkun hemm cirkostanzi li jkunu jindikaw li tali riduzzjoni m'ghadhiex tapplika f'dak il-kaz partikolari. Wiehed, naturalment, ma jistax jelenka l-kazijiet w ic-cirkostanzi kollha fejn riduzzjoni fil-piena tkun jew ma tkun

indikata u dan peress li kull kaz jkollu l-fatti specie partikolari tieghu. Fil-fatt, fis-sentenza moghtija minn dik l-istess ***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha ta' Novembru 2002*** fil-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Zammit et**, dik il-Qorti rriteniet li m'ghandhux jibbenefika fil-piena minhabba l-ammissjoni tal-imputat, allura appellat peress li l-ammissjoni tieghu saret ghaliex fil-fehma taghha, ftit li xejn setghu jaghmlu mod iehor l-appellati ghaliex inqabdu in flagrante.

Issa f'dan il-kaz wkoll din il-Qorti ma thossx li l-ammissjoni tal-imputat, kif registrata fis-seduta tal-hamsa ta' Mejju 2004, ghandha tibbenefika lil imputat fl-ghti ta' piena. Huwa minnu li l-imputat fl-istqarrija tieghu li rrilaxxja nhar l-ghoxrin ta' Ottubru 1998, u cioe fiz-zmien tal-investigazzjoni, ammetta l-partecipazzjoni tieghu fir-reat in dezamina, u cioe dak ta' serq aggravat bil-hin, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa, pero huwa wiegeb li mhux hati meta tressaq il-Qorti **nhar t-tletin ta' Gunju 1999**. Kien biss kwazi hames snin wara u cioe fil-hamsa ta' Mejju 2004, li huwa biddel l-kontestazzjoni u rregistra ammissjoni. Nel frattemp kienu saru diversi seduti li fihom instemghu diversi xhieda u gew esibiti wkoll diversi dokumenti. Fi kliem iehor, kien biss wara li kienu nstemghu l-provi kollha tal-Prosekuzzjoni u l-kawza giet imhollija diversi drabi ghal provi tad-Difiza li l-imputat irregistra ammissjoni ghal finiiet tal-proceduri kontra tieghu. F'dan il-kaz ghalhekk, l-imputat ma ghen bl-ebda mod sabiex il-proceduri jigu konkluzi fi zmien kemm jista jkun malajr, jew sabiex jigi ffrankat il-hin tal-Qorti u ta' kulhadd. Din il-Qorti tista biss tikkonkludi li huwa dam daqshekk biex jirregistra ammissjoni sabiex jipprova jiggwadanja xi vantagg tattiku, b'mod ghalhekk li din il-Qorti ma tantx hi propensa li tikkoncedi tnaqqis fil-piena a bazi ta' l-imsemmija ammissjoni tal-hamsa ta' Mejju 2004.

Id-Difiza sostniet li l-avukat difensur ahhar ha konjizzjoni tal-process fi stadju avvanzat ta'dawn l-atti u kien ghalhekk li l-imputat ma rregistrax ammissjoni qabel.

Illi pero, fil-hamsa ta' Settembru 2002, kif jirrizulta mill-verbal esibit a fol 118, din il-Qorti kienet diga issottolineat

lil istess avukat difensur sabiex jipprepara d-difiza tieghu. In oltre, il-Qorti tiddikjara li l-imputat kien patrocinat f'din il-kawza minn diversi avukati difensuri sa mill-bidu nett tal-proceduri u ghalhekk kieku l-imputat ried jirregistra ammissjoni, dan setgha facilment jaghmlu u ghalhekk l-argument tad-difiza ghad-dewmien fir-registrazzjoni tal-ammissjoni ma jregix.

Dwar t-tielet konsiderazzjoni tad-Difiza u cioe li l-imputat ikkollobora mal-Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni, il-Qorti tirrileva li dan kien kollu minnu sa ma gie ppresentat il-Qorti ghaliex filwaqt li fl-istqarrija tieghu jikkopera mal-Prosekuzzjoni u jispjiega l-partecipazzjoni tieghu fir-reat, perowaqt li kien il-Qorti, tul dawn l-ahhar hames snin, l-imputat ma kkopera xejn, anzi pjuttost l-oppost, u cioe li m'attendix il-Qorti meta kien debitament notifikat [vide seduti tal-ghoxrin ta' Jannar 2000 a fol 62, tas-sitta ta' Gunju 2000 a fol 87, tal-erbatax ta' Mejju 2001 a fol 101, tat-tmintax ta' Gunju 2001 a fol 104 u tat-tmienja ta' Novembru 2001 a fol 109].

Ghalhekk din il-konsiderazzjoni wkoll ma tantx ghandu jkollha effett dwar il-klemenza mal-imputat li Qorti ghandha jkollha fl-ghoti tal-piena.

Illi pero jirrisulta mill-atti li nhar t-tmintax ta' Ottubru 1999, din il-Qorti kienet innominat lil Probation Officer Miriam Sevasta sabiex thejji pre-sentencing inquiry report fuq l-imputat Johan Sultana u nhar l-ewwel ta' Marzu 2000 l-istess Ufficjal tal-Probation ippresentat dan r-rapport li gie mmarkat bhala dokument CSH 3 li jinsab esibit fl-atti a fol 69.

Illi minn ezami ta' dan r-rapport jirrizulta li Johan Sultana ghandu problemi serji fl-ambjent tal-familja. Il-genituri tieghu huma separati izda ghandhom influwenza fuq il-hajja tal-imputat. Illi l-imputat l-ewwel darba li kellu x'jaqsam mas-sistema gudizzjarja kien meta kellu biss tnax il-sena. Wara, dan kellu diversi akkuzi ohra. Tul dan il-perjodu kollu hu gie imwissi diversi drabi mill-Qorti biex jbiddel l-imgieba u l-attitiduni tieghu lejn haddiehor

Illi l-Qorti ghamlet wkoll apprezzament tal-fedina penali tieghu esibita fl-atti a fol 5 et seq, minn fejn jirrizulta li hu diga kien instab hati tar-reat ta' serq fis-sena 1995 meta nghata conditional discharge u tpogga taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sentejn. Fis-sena 1996 instab hati ta' reat kontra l-Ordinanza tat-Traffiku meta kien nghata R&A. Fis-sena 1999 meta hebb ghal missieru stess u xi Ufficjali tal-Pulizija kien inghata unconditional discharge ghal sena.

Illi ghalhekk ghalkemm l-imputat kellu eta zghira meta kkommetta r-reat in kwistjoni zgur li ma kienx a first time offender u ghalhekk il-Qorti ma hiex tal-fehma li ghandha tnaqqas il-piena b'zewg gradi izda bi grad wiehed biss ghal huwa tassattiv.

Il-Qorti ghalhekk, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 261(c)f)(g),267, 270, 271(g), 279, 280, 281, 334 u 42 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, **tiddikjara li ssib lil imputat JOHAN SULTANA hati ta’ l-ewwel [1] w t-tielet [3] akkuza kif assorbita fl-ewwel akkuza u tikkundanah ghal piena karcerarja ta' sentejn liema perjodu pero qed jigi sospiz ghal perjodu ta’ erbgha snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta purche l-imputat ma jikkommettix reat iehor f'dan l-istess perjodu operattiv ta' din is-sentenza.**

**Tiddikjara wkoll li qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni [2] akkuza peress li din inghatat b'mod alternattiv mill-Prosekuzzjoni ghall-ewwel akkuza u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba [4] akkuza stante li din m'inghatatx fil-konfront tal-imputat Johan Sultana.**

**Il-Qorti spjegat it-tifsira u s-sinifikat ta’ din is-sentenza lil imputat li minn naha tieghu ddikjara li fehem ben tajjeb.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------